MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 213/2010

**W Q bhala kuratrici *ad litem***
**ta' binha P R**
**vs**
**X K u**
**T Z N V R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fit-13 ta' Gunju 2000 l-attrici weldet tifel bl-isem P R li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 4139/2000 gie registrat bhala l-wild tal-konvenut T Z N V R li jigi zewg l-attrici; li mis-sena 1996 dan il-konvenut abbanduna lill-attrici u ghalhekk dawn il-konjugi ma kienux baqghu jghixu flimkien; li fis-sena 1997 l-attrici kellha relazzjonijiet intimi esklussivament mal-konvenut X K; li l-imsemmi wild huwa t-tifel naturali ta' dan il-konvenut X K; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-konvenut X K huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tifel P R, u mhux il-konvenut l-iehor

T Z N V R;  u [1] li tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid;  bl-ispejjez;

Rat li l-konvenut X S fl-udjenza tal-4 ta' Jannar 2011 iddikjara li hu l-missier naturali tat-tifel Tyrik R;

Rat r-rapport xjentifiku tad-DNA mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Rat in-nota prezentata mill-attrici fl-14 ta' Marzu 2011 li premezz taghha rtirat it-tieni talba taghha, u dikjarat id-dettalji tal-konvenut X K ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sena li l-konvenut X K huwa l-missier naturali u bjologiku tat-tifel P R li twieled fit-13 ta' Gunju 2000.

Illi l-fatti premessi fir-rikors guramentat jinsabu konfermati mill-konvenuti T Z N V R u X K ; kif ukoll mill-attrici li fl-affidavit taghha kkonfermat li fis-sena 1996 il-konvenut T Z N V R "sparixxa minn hajti u ma nafx fejn mar jghix." [fol. 21]. Tghid ukoll li minn nofs is-sena 1995 sat-twelid ta' P hija kellha relazzjoni esklussiva mal-konvenut X K.

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jikkonferma t-tezi tal-attrici li l-konvenut X K huwa l-missier naturali tat-tifel P R.

Ghal dawn il-motivi tideciedi billi tilqa' talba attrici u tiddikjara li l-missier naturali u bjologiku tat-tifel P R huwa l-konvenut X K li ghandu d-dettalji tieghu indikati fl-imsemmija nota hawn annessa (Appendici A).

L-ispejjez jithallsu kollha mill-konvenut X K.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------